MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 61/2008

**Mobisle Communications Limited (C - 24655)**

**-vs-**

**Aedes Co. Ltd**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet lis-socjetà konvenuta thallas is-somma t'elf, sitt mija u sittax-il Euro u wiehed u disghin centezmu (€1,616.91c) - (Lm694.14c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess s-socjetà konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1007818 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Frar 2007 u Gunju 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 t'Ottubru, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetà konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna s-socjetà konvenuta thallas is-somma t’elf, sitt mija u sittax-il Euro u wiehed u disghin centezmu (€1,616.91c) - (Lm694.14c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------